StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

## IR-RABA' SENA — IL-MALTI — IL-ĦIN: SAGĦTEJN

**L-Isem : ________________________** **Il-Klassi : ___________________**

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| **Il-Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F** | **Ġ** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Marki** | **10** | **20** | **4** | **8** | **8** | **30** | **20** | **100** |
| **Il-Marki tal-istudent/a** | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:



Il-ġurnata kienet kemxejn kiesħa hekk kif jaf ikun ix-xahar ta' Marzu. Kważi matul il-ġurnata kollha s-sema kien mimli sħab griż u x-xemx qajla xirfet rasha minn bejnietu. Dik is-sena n-natura kienet uriet snienha sewwa, tant li l-ewwel ftit xhur kienu kiefra ħafna, u deher biċ-ċar li t-temp kien għad fadallu naqra biex jaqleb għall-aħjar. Madankollu, għalkemm mill-bidu ta' dik il-ġimgħa kien mistenni li jagħmlu xi ħalbiet tax-xita, sa qabel tmiem il-ġimgħa kienet għadha ma niżlitx qatra waħda. *(par. 1)*

Għalkemm kienu t-tlieta ta' waranofsinhar, ir-riħ kien daqsxejn qawwi. Qajla kont tara lil xi ħadd barra dak il-ħin, bil-ftit nies li kien ikollhom joħorġu ta' bilfors, jimxu jgħaġġlu biex ifittxu jaslu fejn riedu jmorru. Fejn is-soltu dejjem kont issib xi żewġt ixjuħ bilqiegħda fuq xi bank taħt is-siġar, dakinhar il-ġnien li kien jagħti għal fuq is-swar tal-Imdina kien battal għalkollox, ħlief għal xi kelb iħuf 'l hawn u 'l hinn biex forsi jsib xi ħaġa x'jiekol. *(par. 2)*

Fit-tarf tat-triq, 'il fuq minn kif iddur mill-wesgħa li hemm fuq it-Telgħa tas-Saqqajja u tiġbed lejn il-bieb ewlieni tal-Imdina, kien hemm raġel li ma kienx qiegħed jagħti wisq kas tat-temp xitwi. Bilwieqfa, b'dahru jserraħ mal-ħajt ta' kantuniera faċċata tal-ġnien, kien qiegħed jistenna u jħares 'l isfel lejn tarf il-wesgħa. Mal-ewwel daqqa t'għajn kien jidher bniedem maħmuġ u mitluq, b'xagħru goff u mqanfed u b'daqna twila li żgur qatt ma messet ma' mus tal-leħja. Ma kontx taqta' kemm għandu żmien kif ġieb u laħaq billi wara dak ix-xagħar u suf kollu ftit li xejn kien jidher wiċċu. Il-ħwejjeġ ta' fuqu kienu mdennsin u mkittfa kollha, bi flokk tas-suf ta' lewn kannella ċar li kien ilu li ra żmien aħjar, u qalziet imkemmex li xi darba kien iswed. Ilbiesu kienu diġà ġabu prezzhom snin ilu, u żgur li lanqas jekk xi ħadd kien jispiċċa għarwien ħuta f'dik il-kesħa ma kienet tgħaddilu minn moħħu li jiġbor dawk il-ħwejjeġ jekk isibhom mixħutin barra t-triq. *(par. 3)*

(silta minn *Beraq fil-Bnazzi* ta' Lawrence Muscat)

**A. FEHIM IT-TEST** (10 marki)

1. Agħti isem xieraq lil din is-silta ta' proża.

_______________________________________________(marka)

2. F'liema xahar hi ambjentata din is-silta?

_______________________________________________(marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Kif kien it-temp fl-ewwel xhur tas-sena?

______________________________________________________________

______________________________________________________________(marka)

4. Is-soltu lil min kont tara fil-ġnien?

______________________________________________________________

______________________________________________________________(marka)

5. Semmi żewġ aspetti fiżiċi tar-raġel li deher fit-tarf tat-triq.

______________________________________________________________

______________________________________________________________(2 marki)

6. Mill-aħħar paragrafu sib u ikteb xi parti minn sentenza li għandha xeħta umoristika.

______________________________________________________________

______________________________________________________________(marka)

7. Taħseb illi fil-qofol tagħha din is-silta hi narrattiva jew deskrittiva? Għaliex taħseb hekk?

______________________________________________________________

______________________________________________________________(3 marki)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA** (20 marka)

**GRAMMATIKA / MORFOLOĠIJA**

1. Imla b'**konġunzjoni** skont it-tifsira fil-parentesi. (3 marki)

i. __________________ tikteb jew itlaq 'il barra. (GĦAŻLA)

ii. __________________ jekk tħallasni ma mmur miegħu. (SUBORDINAZZJONI)

iii. Minn __________________ u kwarta oħra għandu jasal il-President. (ŻMIEN)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Sib it-tajba billi tagħmel sinjal taħtha.

i. **Qatt** hu avverbju: (a) Kompost (b) Magħqud (ċ) Magħżul

ii. **Dalwaqt** hu avverbju (a) Magħżul (b) Ewlieni (ċ) Magħqud

iii. **Meta** hu avverbju (a) Tal-Post (b) Taż-Żmien (ċ) Tal-Kwantità

3. Aqleb għall-**Passiv**. (marka)

Il-mutur laqat lill-kelb.

______________________________________________________________

4. **Tgħannqu** hu verb (a) Reċiproku ___; (b) Passiv ___; (ċ) Intransittiv ___. (marka)

5. Imla l-vojt b'**verbi komposti**. (2 marki)

Meta wasalt id-dar sibt li xi ħadd _____________ _____________ (d-ħ-l) fil-kċina.

Oħti _____________ diġà _____________ (ċempel) lill-pulizija.

6. Agħmel sing taħt il-**prefiss** ta' dawn il-kelmiet: (2 marki)

(i) awtobijografija (ii) internazzjonali

**ANALIŻI TESTWALI**

7. *ix-xemx qajla xirfet rasha (par. 1)* tfisser

(a) xirfet rasha bil-għaġla ☐
(b) xirfet rasha bil-mod ☐
(ċ) ma tantx xirfet rasha ☐

(marka)

8. *Dik is-sena n-natura kienet uriet snien<u>ha</u> sewwa (par. 1).* Għal xiex qiegħda tirreferi l-parti b'sinjal taħtha? ____________________________ (marka)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

9. Agħti kelma bl-istess tifsira flok: i. daqsxejn *(par. 2)* ______________________

ii. iħuf *(par. 2)* ______________________

(2 marki)

10. Sib minn **paragrafu 3** l-kelma li tfisser **prinċipali** ____________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SINTASSI**

11. Agħmel il-punteġġjatura fejn meħtieġ. (3 marki)

l-għada filgħaxija waqt li kienu jiċċenaw flimkien pawlu qal li filgħodu kien mar marsaxlokk

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (4 marki)

1. Liema qawl mit-tema **Għerf Prattiku** joqgħod għal din is-sentenza? (2 marki)

   F'nofs il-kors Daniel beda jieħu interess, u beda jistaqsi, u għalhekk beda jitgħallem aktar. ______________________________________________________

2. Ikteb sentenza b'kull idjoma li ġejja mit-tema **L-Elementi** u b'hekk tagħti t-tifsira tagħha:

   (a) jinsab f'baħar ta' inkwiet; (b) twieled taħt stilla tajba (2 marki)

   (a) ______________________________________________________

   (b) ______________________________________________________

**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** (8 marki)

Agħżel **a** jew **b**. Ikteb madwar **80** kelma.

a. Nisa bit-tfal għandhom joħorġu jaħdmu? X'inhi l-opinjoni tiegħek?

***Jew***

b. Ikteb rapport għal ġurnal dwar avveniment sportiv li seħħ f'Malta dan l-aħħar.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI** (8 ma

X'tagħrif irnexxielek tiġbor waqt li kont qiegħed/qiegħda tfittex dwar aspett **wieħed** mill-proġett **L-Oqsma tal-Għerf tal-Kultura Maltija**? Ikteb madwar **60** kelma.

**F. LETTERATURA** (30 marka)

**(i) L-ISQAQ / ANESTESIJA**

Wieġeb **a** jew **b**. Ikteb madwar **100** kelma. (9 marki)

a. "Kif jgħaddi ż-żmien, tistħajlu belliegħa, kollox jibla' ġo fih. Ta' kull ġrajja, kbira jew żgħira, li tgħaddi minn fuqna ma jibqax ħlief it-tifkira morra li tkompli ddejqek u ssewwidlek qalbek, ukoll jekk dik il-ġrajja tkun ta' ferħ; anzi jekk tkun ta' ferħ, timliek aktar bl-imrar." Ikkummenta billi tirreferi għar-rumanz **L-Isqaq**.

***JEW***

b. Il-Buffu: "L-aqwa li nkomplu niżżuffjettaw, il-maskra ssikkata ma' wiċċna tostrilna l-waħx." X'inhu dan il-waħx? Ikkummenta billi tirreferi għad-dramm **Anestesija**.

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## (ii) QAWSALLA – REFERENZA GĦALL-KUNTEST

Aqra sew din il-poeżija ta' Rużar Briffa u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

### Jum ir-Rebħ

U l-kotra qamet f'daqqa – u għajtet: "Jien Maltija!
Miskin min ikasbarni - miskin min jidħak bija!"

U l-kotra għanniet f'daqqa – u semmgħet mal-irjieħ
L-Innu ta' Malta tagħna - u l-leħen kien rebbieħ

Fuq ngħas l-imgħoddi ġwejjef - in-ngħas tal-apatija,
Xħin ruħna kienet rieqda – ġo sodda barranija;

U l-ombra ta' Vassalli – qamet minn qiegħ il-qabar,
U għajtet: "Issa fl-aħħar – jien se nsib is-sabar."

1. X'jifhem il-poeta bil-frażi metaforika "in-ngħas tal-apatija"? (marka)

2. Ikteb dwar il-metrika tal-poeżija. (2 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Sib eżempju ta' personifikazzjoni.

___

4. Fisser għaliex din il-poeżija għandha tagħmel parti mit-tema **Il-Protesta** billi tirreferi għall-ħsieb tagħha. (5 marki)

___

___

___

___

**(iii) QAWSALLA – KOMPONIMENT LETTERARJU**

Agħżel **wieħed** bejn **a** u **b** u ikteb madwar **150** kelma fuq karta separata. (12-il marka)

a. Il-qerda tal-ambjent u n-nuqqasijiet fis-soċjetà huma ż-żewġ suġġetti li nsibu fit-taqsima **Il-Protesta**. Agħżel suġġett **wieħed** u ikteb dwaru billi tirreferi għal mill-inqas żewġ kitbiet (poeżiji u/jew siltiet ta' proża).

***JEW***

b. Ir-relazzjonijiet fil-familja huma ġeneralment tajbin. Ikkummenta dwar dan billi tagħmel referenza għal mill-inqas żewġ xogħlijiet (poeżiji u/jew siltiet ta' proża) mit-taqsima **Ir-Rispett fil-Familja**.

| **Ġ. KOMPONIMENT** | (20 marka) |
|---|---|

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **300** kelma fuq karta separata.

1. F'daqqa waħda nstemgħet bħal karba ħierġa ...

2. Mużika moderna

3. It-turiżmu. Kif nistgħu nkabbruh?

4. Il-festa tal-belt jew raħal tiegħek

5. Il-bniedem jiġi fid-dinja biex ibati. Agħti l-fehma tiegħek.

6. Attivitajiet sportivi li nħobb

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers